MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 64/2004

**Apersonalment u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Jason Neagoe, Lucas Neagoe u Daniel Neagoe.**

**vs.**

**Dr. Vincent Galea LL.D. u l-P.L. Veronica Rosignaud fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti B.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Marzu 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici Au l-assenti B zzewgu fis-6 ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u sitta u tmenin (1986) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. "MN 1";

Illi miz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti twieldu tlett itfal u cioe’ Jason ta’ sittax-il sena (16), Lucas ta’ erbatax-il sena (14) u Daniel ta’ tnax-il sena (12);

Illi l-assenti B abbanduna d-dar matrimonjali u htija ta’ dan iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment;

Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati ghal madwar disa’ (9) snin;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja gja Sekond’Awla), hawn anness u mmarkat Dok. MN 2;

Illi ghaldaqstant l-attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Neagoe minhabba abbandun *da parti* tal-konvenut assenti htija ta’ liema z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Jason, Lucas u Daniel f’idejn l-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut assenti jhallas lill-attrici ghaliha u/jew ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarja li din il-Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta’ l-attrici u l-mezzi ta’ zewgha;

4. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut assenti, billi tikkonsidra t-tortijiet kommessi mill-konvenut assenti b’konsegwenza ta’ liema z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, *occorrendo* billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha;

6. Tapplika kontra l-konvenut assenti s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta’ **l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ir-rikors tal-attrici datat 3 ta’ Marzu 2004 fejn talbet li tinhatar bhala kuratrici *ad litem* ta’ l-ulied minuri;

Rat id-digriet datat 8 ta’ Marzu 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat in-nota ta’ l-attrici **A**datata 23 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha pprezentat l-affidavits **taghha stess** flimkien ma ta’ **Angela Barbara** u **Joseph Felice** a fol. 12 sa fol. 16.

Rat id-digriet nota guramentata moghti lill-attrici fl-1 ta’ Frar 2004 fejn gie mitlub jelenka fil-qasir il-pretenzjonijiet tieghu, bin-notifika tal-kontroparti li wkoll permezz ta’ nota guramentata ghandha tindika fejn ma taqbilx;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet datata 18 ta’ Frar 2005 a fol. 24 fejn il-kuraturi deputati eccepew:-

1. Illi l-eccipjenti m’humiex *edotti* mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrizervaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawn l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;

2. Salv’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati a fol. 25 tal-process;

Rat il-lista tad-dokumenti esebiti a fol. 26 tal-process;

Rat il-verbal datat 24 ta' Mejju 2005 fejn il-kuratur deputat iddikjara li ma jafx l-indirizz tal-assenti peress li ilu hdax-il (11) sena barra minn Malta u l-anqas l-attrici ma taf fejn hu. L-attrici ddikjarat li ma tafx x'introjtu ghandu l-konvenut u li komunjoni m'hemm xejn. Dr. Ilona Debono ghall-attrici cediet il-hames talba. Dr. Vincent Galea rrimetta ruhu ghall-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2005;

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Dicembru 1986 u ghandhom tlett itfal, Jason li llum jghodd 17-il sena, Lucas, li llum ghandhu14-il sena u Daniel li ghandhu 12-il sena; il-partijiet damu seba' snin jghixu flimkien u ilhom deparati fattwalment ghal cirka ghaxar snin, u dan peress li l-konvenut li huwa ta' nazzjonalita' Rumena, f'Jannar 1995 abbanduna d-dar konjugali u ma resaqx izjed lejn l-istess dar, martu jew uliedu. Ix-xhieda ta' l-attrici f'dan ir-rigward hija kkoroborata mix-xhieda ta' Angela Barbara, u hu l-attrici Joseph Felice.

Illi ma hemm l-ebda dubju ghalhekk li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut assenti minhabba abbadun tal-familja, u wkoll minhabba sevizzi, u mohqrija, u dan anke peress li halla lill-familja tieghu fil-bzonn u qatt f'dawn is-snin kollha ma' mantna la lill-attrici u lanqas lil uliedu stess.

Illi dwar komunjoni ta' l-akkwisti din qed tigi ddikjarata xolta b'effett minn Jannar 1995 u tiddikjara li ma' hemm xejn x'jigi likwidat u diviz fl-istess komunjoni u dan peress li ma' tikkonsisti f'xejn ta' valur; fil-fatt l-attrici tghix f'post mikri bl-ghamara u dan fi Flat 1A, "Sundream Appartments", Triq it-Turisti, Bugibba u din ghandha dritt tghix fl-istess flimkien ma' uliedha ad esklussjoni tal-

konvenut kollox fit-termini tal-ligi, b'dan ovvjament li d-dritt tal-kera jghajjat lill-attrici.

Illi l-kura u l-kustodja ta' l-istess ulied hija fdata f'idejn l-attrici.

Illi dwar manteniment ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut assenti ghandhu l-obbligu li jmantni lil martu u lil uliedu, izda dan ma ghamlu qatt u dan ghaliex qata' kull kuntatt mal-familja tieghu; minkejja dan d-dritt favur l-attrici u l-istess uliedu jippersisti bhala tali, ghalkemm tali ammont jew rata ma' tistax tigi likwidata u ffisata stante li ma ingabet l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut, li in verita' l-attrici ddikjarat li lanqas biss taf fejn qieghed.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u **fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici stante c-cessjoni taghha skond kif verbalizzat fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2005, tilqa' t-talbiet attrici pero' fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Neagoe minhabba abbandun *da parti* tal-konvenut assenti, u wkoll minhabba sevizzi u mohqrija, u ghalhekk kawza ta' l-istess agir abbussiv u rresponsabbli *da parte* tal-konvenut iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

(2) Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Jason, Lucas u Daniel esklussivament f'idejn l-attrici;

(3) Tiddikjara li l-konvenut assenti ghandu obbligu li jmantni lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija tfal minuri, u dan id-dritt favur l-attrici proprju et nomine qed jigi hawn affermat u kkonfermat, pero' l-ebda ammont jew rata ta' manteniment ma' tista' tigi likwidata u ffisata f'din is-

sentenza peress li ma ngabet l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut, li l-attrici lanqas biss taf illum fejn joqghod.

(4) Tilqa’ din it-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet b’effett minn Jannar 1995 u *in vista* tar-rizultanzi processwali tiddikjara li ma’ hemm xejn x’jigi likwidat u diviz fl-istess komunjoni u dan peress li ma tikkonsisti f’xejn ta’ valur; fil-fatt l-attrici tghix f’post mikri bl-ghamara u dan fi Flat 1A, “Sundream Appartments”, Triq it-Turisti, Bugibba u din ghandha dritt tghix fl-istess appartament flimkien ma wliedha ad esklussjoni tal-konvenut kollox fit-termini tal-ligi, b’dan ovvjament li d-dritt tal-kera jghajjat lill-attrici.

5. Tastjeni milli tiehu konjezzjoni ta’ din it-talba stante c-cessjoni taghha kif premess.

(5) Tilqa’ din it-talba u tapplika kontra l-konvenut assenti s-sanzjonijiet kollha kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta’ **l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili**, b’dan li ghal fini ta’ l-ewwel artikolu hawn citat ghandhu jitqies li l-konvenut assenti ta lok ghall-firda f’Jannar 1995, meta huwa abbanduna lill-attrici u lil uliedu.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti fil-waqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------